# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Lulju 2024**

**Rikors ġuramentat numru 154/2024AB fl-ismijiet:**

**BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc**
**vs.**
**Stephen Galea KI numru 274870M f'ismu propju u kif ukoll bħala kuratur ta' martu, l-mejta Mary Galea KI numru 247673M u dan in forza ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 t'Ottubru 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta rikorrenti fejn hija inter alia ppremettiet u talbet is-segwenti:

> 1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn, issellef flus lil klijenti taghha;
> 2. Illi l-intimati huma klijenti tal-kumpannija esponenti u hadu minn ghandha dan is-self:
>
> a. House Loan (I) ta' mija u tlieta u sittln elf Euro (€163,000), minn hawn l'quddiem imsejha 'Facilita' (1)' u Personal Loan (II) ta' tmint elef Euro (€8000) minn hawn l'quddiem imsejjah 'Facilita (2)', koncessl permezz ta' Credit Agreement datat 31 ta' Mejju 2012 u Kuntratt Pubbliku in atti tan-Nutar Dr Philip Lanfranco tas-17 t'April 2013 (ara Dok. 'B' u Dok. 'C' rispettivament), u
> b. b. Personal Loan ta' ghaxart elef Euro (€10,000), minn hawn l'quddiem imsejjah 'Facilita (3)' koncessa permezz ta' Credit Agreement datat 31 ta' Mejju 2013 (ara Dok. 'D');

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu lura s-self u konsegwentement, id-dejn fuqu hu kif gej:

a. kwantu Facilita (1), l-ammont ta' mija u tmienja u sebghin elf u tmien mija u sebgha u disghin Euro u hamsin centezmu (€178,897.50), bl-imghaxijiet inkluzi sal-4 ta' Dicembru 2023, u dovut fuq Account numru 5824671003 (ara Dok 'E'), u
b. kwantu Facilita (2), l-ammont ta' disat elef u hames mija u disgha u erbghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9,549.28), bl-imghaxijiet inkluzi sal-4 ta' Dicembru 2023 u dovut fuq Account numru 5824671004 (ara Dok. 'F'), u
c. kwantu Facilita (3), l-ammont t'erbat elef u tmien mija u tmienja u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,888.47), bl-imghaxijiet inkluzi sal-4 ta' Dicembru 2023, u dovut fuq Account numru 5824671005 (ara Dok. 'G'),

4. Illi in oltre, l-intimati ghandhom mal-kumpannija esponenti, Current Account numru 5824610001 (ara Dok. 'H') u fuq dan il-Kont, hemm dovuti spejjez Bankarji varji konnessi mal-facilitajiet Bankarji fuq imsemmija t'erbatax -il elf u mija u tletin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€14.130.71), bl-imghaxijiet inklużi sal-4 ta' Dicembru 2023 (ara Dok. 'I');

5. Illi in vista tas-suespost, it-total dovut hu ta' mitejn u sebat elef u erba' mija u hamsa u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€207,465.96);

6. U li d-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-intimati lill-kumpannija esponenti, ai termini tal-artiklu 14, kemm ta' Credit Agreement markat Dok. 'B' u kif ukoll ta' dak markat Dok. 'D', stante li kif qed jistipula dan l-istess artiklu, sehhew wahda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin f'dawn il-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivarnent:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, foes, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility.
b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligation and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/sunder or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

7. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 18 ta' Novembru 2016 u 15 ta' Mejju 2018 u t'ittra ufficjali numru

2827/2019 prezentata fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. ‘J’ sa Dok 'L'), izda dawn baqgħu inadempjenti;

8. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu fdan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;

9. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett Iil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddetiedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejnietom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €207,465.96; u
3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejnietom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta €207,465.96,
4. bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-4 ta' Dicembru 2023 sad-data tal-pagament effettiv, u aktar precizament kif gej:
    a. bir-rata ta' sebgha punt sebgha hamsa fil-mija (7.75%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Facilita (1); u bir-rata ta' disgha fil-mija (9%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Facilita (2) u dan kollu skond kif stipulat fl-artikli 6 u 14 tal-Credit Agreement markat Dok. 'B', u
    b. bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija (10.5%) fls-sena kwantu l-ammont dovut fuq Facilita (3) u dan kollu skond kif stipulat fl-artikli 6 u 14 tal-Credit Agreement markat Dok 'D', u
    c. c. bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-current account fuq imsemmi u dan skond kif stipulat fl-artiklu 3.3 tat-Terms and Conditions relattivi ghal dan il-Kont u markati Dok. 'M'.

    L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati.

Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-22 t’April 2024 f’liema seduta il-Qorti kienet sprovvista mir-referta tal-intimat u għalhekk il-kawża kienet tħalliet għas-seduta tal-1 ta’ Lulju 2024 tissejjaħ fl-0950 għan-notifika;

Rat li matul is-seduta tal-1 ta’ Lulju 2024 din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-referta li ġet eżebita fil-proċess wara s-seduta tat-22 t’April 2024 minn fejn

jirriżulta li l-intimat Stephen Galea kien ġie notifikat fis-17 t'April 2024 b'referta li taqra hekk :


17 APR 2024
Illum ........ 17 APR 2024 ........
Ngħid u nżgura li fil ........
nnotifikajt lil ........ Stephen Galea
personalment billi tajtu/
billi ħallejtu fl-indirizz mogħti ........
........ f'dejn ........
B'kopja ........
dana flimkien ma' estratt mill-art 5 ta' l-Atti dwar
Proċeduri Ġudizzjarji (Użu ta' l-ilsien Ingliz)
Kapitlu 189 tal-Ligijiet ta' Malta

Charles Cassa
Marixxall
Qrati tal-Gustizz
Malta

Rat illi matul is-seduta tal-1 ta' Lulju 2024 l-intimat ġie msejjaħ diversi drabi baqgħa ma deherx.

Rat li l-Qorti ippostponiet is-seduta u meta reġgħet issejħet il-kawża u r-rikorrent ġie msejjaħ diversi drabi, ir-rikorrent xorta waħda baqa' ma deherx.

Rat illi matul l-istess seduta il-Qorti semgħet ix-xiehda ta' Alfred Ferrante għall-Bank rikorrent li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi mid-data tal-preżentata tar-rikors sal-ġurnata tal-lum l-intimat ma ħallas xejn u għalhekk l-ammont reklamat għadu dovut bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż.

Rat il-kumplament tad-dokumenti eżebiti.

Rat l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-intimat għalhekk baqa' kontumaċi;

Illi f'dan l-isfond, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-intimati solidalment bejniethom bħala debituri tal-Bank rikorrent fl-ammont ta' €207,465.96; u**
3. **tikkundanna lill-intimati solidalment bejnietom, iħallsu lill-Bank rikorrent l-ammont ta €207,465.96.**

**Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-intimati u bl-imgħax skont kif mitlub fir-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**